# 8.2 Meta mhux kollox sabiħ

Ms. Rebecca Falzon



# Storja A

Samwel huwa tifel fuq ruħu u jħobb itellef lil sħabu tal-klassi. L-iskola kellhom test u ma marx tajjeb għax ma studjax. Malli ra r-riżultat hu qabad jirrabja u jsabbat u beda jgħid li hu żvinturat għax hu talab ħafna lil Ġesù biex jgħinu. Beda jeħodha kontra kulħadd u anki kontra Ġesù. Kieku int l-ħabib tiegħu, x'suġġerimenti tagħtih?

Ms.Rebecca Falzon



- Samwel għandu raġun ikun irrabjat?
- Għaliex?
- X'jista' jagħmel darb'oħra biex ma jerġax jiġrilu l-istess?
- Nistgħu nkunu ferħanin mingħajr qatt ma inbatu?

Ms.Rebecca Falzon

fppt.com

# Storja B

Tanja hija tifla ta' disa' snin. Lill-papa' tagħha ma tarahx kuljum peress li l-ġenituri tagħha m'għadhomx flimkien. Ġieli jollha tqatta' xi ġranet għand in-nanniet ukoll. Meta tismà lil sħabha tal-klassi jitkellmu fuq il-ġenituri tagħhom hi tħossha mdejqa u ma tkunx tixtieq taqsam l-esperjenzi tagħha mal-oħrajn. →



Ms.Rebecca Falzon

- Hawn tfal fl-istess sitwazzjoni bħal Tanja?
- Taħsbu li jistgħu jkunu ferħanin? Għaliex?
- Taħsbu li sħabha ser jiddejqu jew jieħdu gost jisimgħuha tirrakkonta x'tagħmel ma' ommha/ missierha jew in-nanniet?

Niddiskutu:
Napprezzaw dak li għandna

Ms.Rebecca Falzon
fppt.com